DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 27/2008

ta' l-14 ta' Marzu 2008

li temenda l-Anness IV (Enerġija) u l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 ([1]).

(2) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2008 ta' l-1 ta' Frar 2008 ([2]).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 656/2007 ta' l-14 ta' Ġunju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 586/2001 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika fit-terminu l-qasir rigward id-definizzjoni ta' Raggruppamenti Industrijali Prinċipali (MIGs) ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/394/KE tas-7 ta' Ġunju 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/377/KEE li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja biex tittejjeb it-trasparenza ta' prezzijiet tal-gass u ta' l-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/108/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006 li tadatta d-Direttivi 90/377/KEE u 2001/77/KE fil-qasam ta' l-enerġija, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ([5]), li ġiet inkorporata fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 ([6]), għandha tinżied fl-Anness XXI tal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 7 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/377/KEE) ta' l-Anness IV għall-Ftehim:

"— **32007 D 0394**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/394/KE tas-7 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 148, 9.6.2007, p. 11)."

([1]) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 154, 12.6.2008, p. 36.
([3]) ĠU L 155, 15.6.2007, p. 3.
([4]) ĠU L 148, 9.6.2007, p. 11.
([5]) ĠU L 363, 20.12.2006, p. 414.
([6]) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.

Artikolu 2

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1) Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 2a (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 586/2001):

", kif emendat b'li ġej:

— **32007 R 0656**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 656/2007 ta' l-14 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 155, 15.6.2007, p. 3)."

2) L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjudin fil-punt 26 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/377/KEE):

"— **32006 L 0108**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/108/KE tat-20 ta' Novembru 2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 414),

— **32007 D 0394**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/394/KE tas-7 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 148, 9.6.2007, p. 11)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 656/2007 u d-Deċiżjoni 2007/394/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-15 ta' Marzu 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Marzu 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.